MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 65/2008

Kawza fil-lista: 16

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti AB u l-intimat CD izzewwgu fid-19 ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. IC1;

2. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi r-rikorrenti dahlet ghal dan iz-zwieg b' intenzjonijiet nobbli u li tifforma familja izda rrizulta li l-intimat ma kellux l-istess hsieb;

4. Illi l-intimat eskluda l-possibilita' li l-partijiet ikollhom l-ulied;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghadhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tad-dsatax (19) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19(c) u 19(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda illi:

1. Illi l-intimat jaqbel li z-zwieg ikkontrattat nhar id-19 ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-ismijiet premessi huwa null u bla effett skond il-ligi;

2. Illi l-intimat jaqbel li huwa qarraq bir-rikorrent ghaliex ghalkemm hija, qabel iz-zwieg, ghamlet l-intenzjoni taghha cara li hija riedet li jkollha t-tfal, l-intimat zamm lura milli jinfurmaha li hu ma kellu l-ebda intenzjoni li jkollu tfal ghaliex beza' li jekk jghidilha ma tizzewgux;

3. Illi izda l-intimat jsostni li z-zwieg huwa null ghal ragunijiet imputabbli lit-tnejn u mhux lilu biss u ghalhekk ma ghandux jehel hu biss l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c] u [d], filwaqt li dak tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jammetti li huwa kien qarraq bl-attrici qabel iz-zwieg peress li kien zamm lura milli jinformaha li huwa "ma kellu l-ebda intenzjoni li jkollu t-tfal, ghaliex beza' li jekk jghidilha ma tizzewwgux"; izda "jsostni li z-zwieg huwa null ghar-ragunijiet imputabbli lit-tnejn"[1].

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fis-19 ta' Lulju 2002 meta allura l-attrici, cittadina mill-Ukrajina kellha 25 sena u l-konvenut, cittadin malti, kellu 26 sena; u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa xaharejn.

Illi, ghalkemm l-attrici qabel iz-zwieg kienet ghamlitha cara li hi riedet tizzewweg lill-konvenut sabiex jkollha t-tfal minnu u tibni familja mieghu, il-konvenut qallha li anke huwa ried jizzewwigha; izda naqas li jghidilha li ma kienx ried tfal. Il-konvenut jispjega li huwa kien ferhan li kien qed johrog ma' l-attrici "anke ghaliex kienet qed iggibni f' ghajn tajba man-nies. Kont ukoll niehu gost nara l-

[1] Fol.11

guvintur l-ohra jghiru ghalija ghaliex jien kont qed nohrog maghha.”

Illi l-att taz-zwieg bejn il-partijiet dejjem sar bl-uzu tal-kontracettivi da parti tal-konvenut. Huwa jghid: “nispjega li sa mill-bidu taz-zwieg jien mill-ewwel bdejt nuza l-kontracettivi sabiex nevita l-possibilita’ li Iryna tinqabad tqila.” Sussegwentement wara hafna tilwim “jien ma flahtx nigdeb aktar, u ghidtilha li jiena ma ridtx li jkolli tfal u li qatt ma kelli l-intenzjoni li jkolli tfal.” Konsegwenzjalment is-sitwazzjoni matrimonjali bejniethom iddigenerat, u wara li l-attrici qalet lill-konvenut li “hi ma seghetx tibqa’ mizzewwga ma’ ragel li ma riedx tfal.” il-konvivenza matrimonjali giet terminata u l-konvenut hareg mid-dar konjugali u mar jghix fid-dar tal-genituri tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess tirrizulta manifesta, u ammessa, is-simulazzjoni da parti tal-konvenut li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu, huwa eskluda wiehed mill-obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali, li hu dak tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied. Inoltre, huwa kien inganna lill-attrici meta ma kienx gharrafha qabel iz-zwieg bil-vera ntenzjoni tieghu li ma jkollux tfal minnha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, liema caput nullitatis jkkonfigura fil-konfront tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-19 ta’ Lulju 2002. L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------